Primary HealthCare

Għeżież ġenituri jew *legal guardians,*

It-Tim Nazzjonali tal-Immaniġġjar tat-Tilqim (NIS), fi ħdan is-servizz tal-Primary HealthCare, jixtieq jaġġornak dwar bidliet riċenti fl-iskeda nazzjonali tat-tilqim.

Mis-sena 2020, 3 vaċċini ġew miżjuda mal-lista ta' vaċċini mogħtija fil-bidu tat-tfulija. Dawn il-vaċċini u l-kriterji ta' eliġibbiltà fir-rigward tas-sena tat-twelid ġew imniżżlin fit-tabella hawn taħt.

| **Vaċċin** | **Sena tat-twelid li tagħti eliġibilita'** |
|---|---|
| Meninġite B | Mis-sena 2020 |
| Meninġite ACWY | Mis-sena 2020 |
| Pneumococcal - 10 | Mis-sena 2020 |

Vaċċini li jistgħu jingħataw ta' eta' ikbar (fl-adoloxxenza)

| **Vaċċin** | **Sena tat-twelid li tagħti eliġibilita'** | **Eta' ta' meta jingħata dan il-vaċċin** |
|---|---|---|
| Meninġite ACWY | 2006 'il quddiem | 14-il sena (flimkien mal-ħames doża tal-vaċċin li fiha DTP) Din ġeneralment tingħata fl-iskola fir-raba' sena tas-sekondarja. |
| Human Papilloma Virus (HPV) | 2000 'il quddiem | 12-il sena bi programm attwali ta' 'catch up' għas-subien li twieldu mis-sena 2000. Tfal li għalqu 12-14-il sena reċentement irċevew appuntament id-dar. Tfal li sussegwentement jagħlqu 12-il sena fis-snin li ġejjin se jkunu wkoll mistiedna formalment għat-tilqima.<br>It-tfal u l-adulti bejn il-15 u t-23 sena jeħtieġ li jagħmlu appuntament huma stess peress li jiffurmaw parti mill-programm 'catch up'. |

Jekk tixtieq tiċċekkja jekk it-tifel/tifla tiegħek hux/hijiex eliġibbli għal xi wieħed minn dawn il-vaċċini jew jekk humiex aġġornati (*up to date*), jekk jogħġbok kellem lit-tabib/a tiegħek jew ibgħatilna imejl fuq **immunisation@gov.mt** bi skan tal-*babybook*/rekord tal-vaċċini u aħna għandna nagħtuk parir kif xieraq.

Jekk jogħġbok, kun infurmat/a li xi tobba privati qed jieħdu sehem fi skema tal-gvern. Dawn it-tobba, biha jiġbru vaċċini li huma fuq l-iskeda nazzjonali u jamministrawhom fil-prattika privata tagħhom. Hekk il-ġenituri jkunu jistgħu jagħżlu li jmorru għand it-tabib privat tagħhom għat-tilqim kollu fuq l-iskeda u jħallsu biss il-miżata ta' l-amministrazzjoni tal-vaċċin, u mhux jixtru l-vaċċin. Jekk jogħġbok dejjem iċċekkja mat-tabib/a minn qabel biex tiżgura li qed jieħu/tieħu sehem f'din l-iskema. Jekk tixtieq tagħmel appuntament għal xi tilqim mas-Servizz Nazzjonali tat-Tilqim (NIS), jekk jogħġbok ċempel fuq **2123 1231** ext **7** jew ibgħat email fuq **immunisation@gov.mt**.

Filwaqt li nirringrazzjawk tal-ħin tiegħek, inħeġġuk iżżomm lit-tfal tiegħek protetti permezz ta' tilqim f'waqtu. L-Iskeda Nazzjonali tal-Immunizzazzjoni lokali u l-informazzjoni dwar il-vaċċini l-ġodda mogħtija fi tfulija aktar tard huma mehmuża ma' din l-imejl.

Tislijiet,

**Dr J. Farrugia Preca**

**Reg 3298**

**National Immunisation Service Manager**

**Primary HealthCare**

**L-Iskeda Nazzjonali tat-Tilqim għal Malta**

*(Aġġornata l-aħħar f'Jannar 2023)*

| Eta | Vaċċin |
|---|---|
| Minn 8 ġimgħat | • DTaP-Hib-IPV-Hep B (6 in 1)<br>• PCV – 10 (Vaċċin kontra il-mikrobu tan-pneumoccus)<br>• Men B – Kontra il-meninġite tat-tip B |
| 3 xhur | • Men ACWY – kontra il Meninġite tat-tip ACWY<br>• DTaP-Hib-IPV-Hep B (6 in 1) |
| 4 xhur | • DTaP-Hib-IPV-Hep B (6 in 1)<br>• PCV -10<br>• Men B |
| 12 -il xhar | • PCV -10<br>• Men B |
| 13-il xhar | • MMR (Ħożba, ħożba germaniża u gattone)<br>• Men ACWY |
| 18-il xhar | • DTaP-Hib-IPV-Hep B |
| 3-4 snin | • MMR |
| 12-il sena | • HPV (Huma Papilloma Virus) |
| 12-il sena + 6 xhur | • HPV |
| 14/15-il sena | • dT-IPV (3 in 1)<br>• Men ACWY |